MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 1037/2010

***Mobisle Communications Limited***
***C – 24655***

***Vs***

***Clint Callus***
***I.D.301788(M)***

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' elf sitt mija wiehed u sebghin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,671.23), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil *Mobisle Communications Limited* in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru *437630* u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta’ sekwestru u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut pprezenta ruhu quddiem dan it-Tribunal fis-seduta tat-2 ta’ Mejju, 2011, li ammetta li kien debitur fil-konfront tas-socjeta’ attrici u li ma kienx ghamel pagamenti ghaliex bejn is-snin 2007 u 2009 kien qed isegwi programm ta’ riabilitazzjoni.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Il-konvenut mhuwiex qed jikkontesta t-talbiet attrici, anzi minflok jammetti li kellu debitu mas-socjeta’ attrici.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundana lill-konvenut ihallas l-ammont ta’ elf sitt mija u wiehed u sebghin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,671.23). Bl-ispejjez u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------